



10.6.2011

## **AVVIŻ LILL-MEMBRI**

Suġġett:

**Petizzjoni 798/2004, imressqa minn Nicola Leugio, ta' ċittadinanza Taljana, dwar il-kaċċa illegali f'Malta.**

**Petizzjoni 0334/2005, imressqa minn Kevin Sourd, ta' ċittadinanza Franċiża, bi 3 firem, dwar il-qtil tal-għasafar f'Malta.**

**Petizzjoni 0886/2005, imressqa minn Hugues FANAL, ta' ċittadinanza Belġjana, f'isem is-Soċjetà Rjali Belġjana għall-Protezzjoni tal-Għasafar (LRBPO), dwar it-traspożizzjoni min-naħa tal-awtoritajiet Maltin tad-Direttiva 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.**

**Petizzjoni 0530/2006, imressqa minn Lutz Blume, ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar il-qtil tal-għasafar f'Malta.**

**Petizzjoni 1091/2007, imressqa mis-Sur Seamus Feeney, ta' ċittadinanza Irlandiża, dwar l-ikkaċċjar ta' għasafar migratorji protetti f'Malta u f'Ċipru**

**Petizzjoni 1374/2010, imressqa minn Bernhard Vetter, ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar il-kaċċa illegali tal-għasafar migratorji f'numru ta' Stati Membri tal-UE**

### **1. Sommarju tal-petizzjoni 0798/2004**

Il-petizzjonant jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-awtoritajiet lokali naqsu milli jieħdu kwalunkwe azzjoni kontra l-kaċċaturi illegali f'Malta responsabbli għall-qtil ta' 8,000 tajra

tal-priża matul il-perjodu migratorju fl-2004 u jitlob lill-PE sabiex jikkundanna dawn il-prattiki barbari.

### **Sommarju tal-petizzjoni 0334/2005**

Il-petizzjonant jesprimi tħassib dwar il-kaċċa għall-ispeċi ta' għasafar protetti f'Malta u dwar il-fatt li l-awtoritajiet Maltin naqsu milli jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, b'referenza partikolari għad-Direttiva 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, filwaqt li jitlob li minnufih tittieħed azzjoni mill-Parlament Ewropew.

### **Sommarju tal-petizzjoni 0886/2005**

Il-petizzjonant, f'isem il-LRBPO, jesprimi tħassib dwar il-qtil fuq skala kbira ta' speċijiet ta' għasafar tal-passa protetti f'Malta. Għalhekk, huwa qiegħed jitlob li tittieħed azzjoni mill-PE sabiex dan jiżgura illi l-Gvern Malti jikkonforma mad-Direttiva dwar il-konservazzjoni tal-għasafar u li din tkun implimentata kif xieraq. Huwa jitlob lill-PE sabiex jiżgura li minnufih wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni awtorizzat mill-UE (31 ta' Diċembru 2008), il-prattika tal-insib tal-għasafar selvaġġi f'Malta tieqaf kompletament.

### **Sommarju tal-petizzjoni 0530/2006**

Il-petizzjonant isostni li bosta għasafar tal-passa li 'jiegħfu' f'Malta jew jinqatlu jew inkella jinqabdu sabiex jinbiegħu fis-swieq lokali. Huwa jargumenta illi dan imur kontra r-regoli tal-UE dwar il-ħarsien tal-għasafar u qiegħed jitlob li tittieħed azzjoni mill-Parlament Ewropew.

### **Sommarju tal-petizzjoni 1091/2007**

Il-petizzjonant jiddenunzja l-ikkaċċjar ta' għasafar migratorji protetti li jkunu għaddejjin fi triqithom minn fuq Malta u Ċipru u l-fatt li dan huwa meqjus bħala forma ta' "sport" f'dawn il-pajjiżi. Il-petizzjonant qiegħed jitlob lill-Parlament Ewropew biex jintervjeni u jagħmel pressjoni fuq iż-żewġ gvernijiet sabiex jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jipprevjenu milli tkompli ssir il-kaċċa ta' għasafar protetti.

### **Sommarju tal-petizzjoni 1374/2010**

Il-petizzjonant jesprimi tħassib dwar il-kaċċa tal-għasafar migratorji f'Malta, Ċipru, Spanja u l-Italja. Huwa jikkunsidra li dan imur kontra l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, u jirreferi b'mod partikolari għad-Direttiva 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, u jitlob li l-Parlament Ewropew jieħu l-miżuri neċessarji biex jipprevieni l-kaċċa tal-għasafar protetti fil-futur.

## **2. Ammissibilità**

Petizzjoni 0798/2004: Iddikjarata ammissibbli fit-30 ta' Marzu 2005.

Petizzjoni 0334/2005: Iddikjarata ammissibbli fid-29 ta' Awwissu 2005.

Petizzjoni 0886/2005: Iddikjarata ammissibbli fl-10 ta' Frar 2006

Petizzjoni 0530/2006: iddikjarata ammissibbli fl-24 ta' Novembru 2006.

Petizzjoni 1091/2007: Iddikjarata ammissibbli fl-14 ta' Marzu 2008

Intalab taġrif mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 192(4).

Petizzjoni 1374/2010: Iddikjarata ammissibbli fil-11 ta' Frar 2011.

Il-Kummissjoni għet mistiedna biex taġti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

**3. Risposta tal-Kummissjoni**, għall-petizzjonijiet 0798/2004 u 0334/2005, li waslet fl-20 ta' Ottubru 2005.

Il-petizzjonijiet jirreferu għall-fatt li l-awtoritajiet f'Malta naqsu milli ma jħallux issir kaċċa illegali tal-għasafar f'Malta, inkluż il-qtil li jingħad li huwa ta' 8,000 tajra tal-priża matul il-perjodu tal-passa tal-2004.

Il-kaċċa tat-tjur tal-priża mhijiex permessa skont id-Direttiva dwar l-Għasafar (id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE<sup>1</sup> dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi), bl-Artikolu 5 li jipprovdni għal protezzjoni ġenerali tal-għasafar selvaġġi, u jipprojbixxi inter alia l-qtil jew il-qbid apposta ta' dawn l-ispeċijiet ta' għasafar.

Bħalissa, il-Kummissjoni qiegħda twestaq studju sabiex tevalwa l-konformità tal-leġislazzjoni ta' trasportazzjoni Maltija ma' numru ta' Direttivi ambjentali, li jinkludu d-Direttiva dwar l-Għasafar. Fuq il-bażi ta' dan l-istudju, fejn il-Kummissjoni jidhrilha li hemm prova ta' nuqqas ta' konformità, hija se tiegħu l-passi meħtieġa sabiex, fil-limiti tal-poteri mogħtija lilha mit-Trattat, tiżgura li tiġi osservata l-liġi Komunitarja.

Il-Kummissjoni taf dwar il-problema tal-infurzar effettiv tad-Direttiva dwar l-Għasafar f'Malta. Din il-kwistjoni kienet diskussa mal-awtoritajiet Maltin li assiguraw lill-Kummissjoni li r-riżorsi tal-pulizija sabiex tiġi trattata din il-kwistjoni ġew imsaħħa b'mod sostanzjali. Madankollu, il-problema għadha waħda kbira u l-Kummissjoni enfasizzat lill-awtoritajiet Maltin li hemm bżonn ta' aktar tisħiħ ta' azzjonijiet sabiex il-problema tiġi kkontrollata.

Dwar il-petizzjoni 0886/2005 li waslet fit-28 ta' Marzu 2006

Il-petizzjoni tirreferi għat-theddida għall-ispeċijiet tal-passa bħala riżultat tal-insib tal-għasafar f'Malta. Skont ftehma ta' tranżizzjoni fit-Trattat tal-Adeżjoni, l-insib ta' seba' speċijiet ta' sponsun (għasafar tal-għana) huwa permess f'Malta għal perjodu limitat bil-għan li titwaqqaf sistema ta' trobbija ta' għasafar maqbuda. Dan il-perjodu ta' tranżizzjoni jintemm fil-31 ta' Diċembru 2008.

Fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni (Diċembru 2008) u bi qbil mad-Direttiva, l-insib mhux se jkun permess bl-eċċezzjoni possibbli ta' ftehim speċijiet selvaġġi sabiex jiġi żgurat it-tiġdid tal-varjetà ġenetika tal-popolazzjoni ta' sponsuni maqbuda għat-trobbija. Din l-eċċezzjoni tista' tiġi permessa biss skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, li jippermetti lill-Istati Membri kollha li japplikaw deroga mid-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva f'ċirkostanzi u kundizzjonijiet ristretti ħafna. Kull insib li jiġi permess taħt deroga jkun biss relatat ma' numru limitat ta' speċijiet intiżi sabiex ifornixxu b'mod dirett il-programm ta' trobbija fil-maġhluq u ma

---

<sup>1</sup> ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1-18

jippermettix tkomplija ġenerali tal-insib.

Il-Kummissjoni taf dwar xi dewmien fl-implimentazzjoni tal-ftehma tat-tranżizzjoni u s-servizzi tal-Kummissjoni qegħdin f'kuntatt mal-awtoritajiet Maltin sabiex ikun hemm enfasi fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata konformità effettiva ma' u rappurtaġġ tal-obbligi skont it-Trattat tal-Adeżjoni. L-awtoritajiet Maltin kienu infurmaw minn qabel lill-Kummissjoni li l-ewwel rapport annwali dwar l-implimentazzjoni, li juri l-konformità mar-rekwiżiti tal-ftehma ta' tranżizzjoni u li kellu jitressaq sa tmiem l-2005, issa tlesta. Minkejja din l-informazzjoni, il-Kummissjoni sal-lum għadha ma rċeviet l-ebda rapport; b'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni se tara li tieġu l-passi meħtieġa sabiex tagħti bidu għal proċeduri legali kontra Malta għal ksur tal-obbligi tagħha skont it-Trattat tal-Adeżjoni.

Il-Kummissjoni jidhrilha illi l-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Għasafar (Direttiva 79/409/KEE) tikkostitwixxi element prinċipali fl-iżgurar tal-protezzjoni tal-ispeċijiet ta' għasafar u tal-ħabitats madwar l-UE. Fejn il-Kummissjoni jidhrilha li hemm prova ta' nuqqas ta' konformità mad-Direttiva dwar l-Għasafar, hija se tieġu l-passi meħtieġa sabiex, fil-limiti tal-poteri mogħtija lilha bit-Trattat, tiżgura li tiġi osservata l-liġi Komunitarja.

**4. Risposta kumplimentari tal-Kummissjoni, għall-petizzjonijiet 0798/2004 u 0334/2005 u 0886/2005, li waslet fl-10 ta' Ottubru 2006.**

Wara l-komunikazzjonijiet preċedenti tagħha fl-20 ta' Ottubru 2005 u fit-28 ta' Marzu 2006, il-Kummissjoni tinsab f'pożizzjoni li tipprovdi aġġornament dwar il-kwistjonijiet imqajma f'dawn it-tliet petizzjonijiet.

Il-Kummissjoni kienet notifikata mill-gvern Malti li fid-29 ta' Marzu 2006 daħlet fis-seħħ leġiżlazzjoni ġdida li tirregola l-kaċċa f'Malta. Is-servizzi tal-Kummissjoni qegħdin jirriveđu t-test sabiex jevalwaw sa liema punt din il-leġiżlazzjoni (Avviż Legali 79 tal-2006) tindirizza dawk l-elementi speċifiċi tad-Direttiva dwar l-Għasafar (id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi) li s'issa kienu għadhom ma ġewx trasposti b'mod adegwat fil-liġi nazzjonali Maltija.

Minbarra l-leġiżlazzjoni adottata dan l-aħħar, il-Kummissjoni tinnotta l-progress min-naħa tal-awtoritajiet Maltin li ppruvaw itejbu l-infurzar ta' leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttiva dwar l-Għasafar. Dan it-titjib ikopri żieda fis-sanzjonijiet disponibbli, koperazzjoni msaħħa mal-korp tal-pulizija u proposta ta' programm edukattiv, minkejja r-riżorsi limitati li għandhom l-awtoritajiet Maltin sabiex jikkontrollaw għalkollox il-ksur tad-Direttiva. Il-Kummissjoni taf li bħalissa hemm problemi fl-infurzar, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' attivitajiet ta' kaċċa illegali tal-għasafar f'Malta, u ħadet l-impenn li tieġu l-miżuri kollha possibbli biex tiżgura li jkun hemm konformità mal-obbligi taħt id-Direttiva dwar l-Għasafar.

Fir-rigward tal-insib tal-għasafar, il-Kummissjoni tinnotta li, l-ewwel rapport mill-awtoritajiet Maltin dwar il-miżuri ta' tranżizzjoni relatati mal-insib tal-għasafar waslilha fid-29 ta' Marzu 2006. Dan ir-rapport juri illi, filwaqt li kien hemm xi dewmien inizjali fl-implimentazzjoni tal-elementi tal-programm ta' tranżizzjoni fl-aħħar sena, l-awtoritajiet Maltin implimentaw xi elementi sinifikanti tal-programm. Il-Kummissjoni tqis li dan ir-rapport jindika li qiegħed isir

progress f'dak li għandu x'jaqsam mar-rispett tal-iskadenzi stabbiliti fil-programm u jagħti prova tal-impenn min-naħa tal-awtoritajiet Maltin li jirrispettaw l-obbligi tagħhom. Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja dan il-programm sabiex tiżgura li l-iskadenzi li fadal jiġu rispettati.

**5. Risposta kumplimentari tal-Kummissjoni, għall-petizzjonijiet 0798/2004 u 0334/2005 u 0886/2005 u 0530/2006, li waslet fit-28 ta' Frar 2007**

Wara l-komunikazzjoni preċedenti tagħha fl-10 ta' Ottubru 2006, il-Kummissjoni tinsab f'pożizzjoni li ttiprovdi aġġornament dwar il-kwistjonijiet imqajma f'dawn l-erba' petizzjonijiet.

Il-kaċċa tal-għasafar f'Malta hija koperta mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Għasafar (id-Direttiva 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi<sup>1</sup>; id-Direttiva) li ttiprobixxi l-kaċċa ta' speċijiet li jinsabu fil-periklu u tirregola l-istaġun tal-kaċċa għal speċijiet li jistgħu jiġu kkaċċjati. Fil-każ tal-ispeċijiet tal-passa, id-Direttiva tgħid illi m'għandux ikun hemm kaċċa għalihom matul ir-ritorn tagħhom lejn il-postijiet tat-trobbija, l-aktar matul ir-rebbiegħa. Skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu japplikaw għal deroga minn din il-projbizzjoni ġenerali jekk jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet.

Fl-2004, il-gvern Malti għażel li japplika deroga għall-kaċċa matul ir-rebbiegħa għal numru limitat ta' gamiem u summien - fuq il-bażi li dawn l-għasafar jinstabu f'numru kbir biss matul il-passa tar-rebbiegħa, u għalhekk ir-rebbiegħa kienet ttiprovdi l-unika opportunità sabiex issir il-kaċċa tagħhom. Madankollu, sabiex tkun valida, id-deroga għall-kaċċa fir-rebbiegħa għandha tkun konformi mal-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-Għasafar. L-Awtoritajiet Maltin kellhom jagħtu prova tal-fatt li l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa kien limitat u li ġew stipulati u infurzati kwoti stretti fuq in-numru ta' għasafar li setgħu jinqatlu.

Wara evalwazzjoni tal-informazzjoni provduta mill-awtoritajiet Maltin fir-rapport tad-deroga tagħhom tal-2004, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-deroga ma kenitx konformi mal-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva, billi kien hemm perjodi alternattivi ta' kaċċa, pereżempju matul il-ħarifa. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni tat bidu għal proċeduri ta' ksur tal-liġi kontra Malta f'Lulju 2006, b'ittra ta' intimazzjoni skont l-Artikolu 226 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea li ntbagħtet lill-awtoritajiet Maltin, fejn kien hemm imniżżla r-raġunijiet għal nuqqas ta' konformità mad-Direttiva. Issa jmiss lill-awtoritajiet Maltin li jagħtu risposta lill-Kummissjoni. Għalkemm kellha tingħata sal-bidu ta' Settembru, l-iskadenza għar-risposta Maltija ġiet estiża b'xahrejn oħra, fuq talba tal-awtoritajiet Maltin. Il-Kummissjoni tinnota li l-iskadenza estiża skadiet; jekk ma tirċievi l-ebda risposta fiż-żmien dovut, jingħata bidu awtomatikament għall-istadju li jmiss tal-proċedura.

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-kaċċa illegali ta' speċijiet oħra ta' għasafar f'Malta, l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni tindika li għad hemm problemi bl-infurzar tal-kaċċa illegali, b'rapporti li jgħidu li l-leġiżlazzjoni adottata f'Marzu 2006, sabiex tiġi implimentata bis-sħiħ id-Direttiva dwar l-Għasafar, mhix qiegħda tiġi infurzata b'mod adegwat. Fuq il-bażi

---

<sup>1</sup> ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1-18

ta' dawn ir-rapporti, infetaħ ilment ġdid, bil-għan li titqajjem din il-kwistjoni mal-awtoritajiet Maltin.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-insib tal-għasafar u l-programm għal miżuri ta' tranżizzjoni stabbiliti skont it-Trattat tal-Adeżjoni, il-Kummissjoni tinnota li, sa tmiem l-2006, huwa mistenni li l-awtoritajiet Maltin għandhom jiġu notifikati dwar in-numru ta' għasafar li ġew maqbuda fl-2005 u dwar lista ta' siti ta' nsib reġistrati. Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja dan il-programm sabiex tiżgura li l-iskadenzi li fadal jiġu rispettati.

**6. Risposta kumplimentari tal-Kummissjoni, għall-petizzjonijiet 0798/2004 u 0334/2005 u 0886/2005 u 0530/2006, li waslet fis-7 ta' Marzu 2008**

Kif ingħad fil-komunikazzjoni tagħha tat-23 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni tat bidu għal proċeduri ta' ksur tal-liġi kontra Malta f'Lulju 2006, talli ppermettiet li ssir kaċċa matul ir-rebbiegħa għall-gamien u s-summien bi ksur tal-Artikoli 7 u 9 tad-Direttiva dwar l-Għasafar (id-Direttiva 79/409/KEEdwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi<sup>1</sup>). Skont l-Artikolu 226 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, fit-28 ta' Ġunju, intbagħtet ittra ta' intimazzjoni lill-awtoritajiet Maltin fejn kien hemm imniżżla r-raġunijiet għal nuqqas ta' konformità mad-Direttiva. Sussegwentement kien hemm talba għal estensjoni ta' żmien biex tingħata risposta mill-awtoritajiet Maltin. Ingħatat estensjoni ta' xahrejn, sal-5 ta' Novembru 2006.

L-awtoritajiet Maltin taw risposta permezz ta' ittra bid-data tat-23 ta' Marzu 2007. Bħala reazzjoni għall-argumenti li hemm alternattivi għall-kaċċa fir-rebbiegħa, qalu li jeżistu għadd insinifikanti fil-ħarifa biex jippermettu li jkun hemm kaċċa dak iż-żmien. Dejta pprovduta dwar l-istatistika tal-kaċċa għall-2005 ma tipprovdix informazzjoni addizzjonali li tindika li ma kienet disponibbli l-ebda alternattiva għall-kaċċa matul ir-rebbiegħa. Sussegwentement, fis-17 ta' Ottubru 2007, inbagħtet opinjoni motivata lill-awtoritajiet Maltin.

Fil-11 ta' Jannar 2008, waslet risposta għall-opinjoni motivata. Fir-risposta tagħhom, l-awtoritajiet Maltin qalu li ma kienx hemm opportunitajiet biżżejjed ta' kaċċa fil-ħarifa u li għalhekk ma kinux iqisu li din kienet alternattiva vijabbli. Wara evalwazzjoni tar-risposta, il-Kummissjoni jidhrilha li għalkemm aktar limitati, jeżistu possibiltajiet għall-kaċċa fil-ħarifa, u fil-fatt alternattivi għall-kaċċa fir-rebbiegħa jeżistu. Sussegwentement, fil-31 ta' Jannar 2008, il-każ kien trasferit għall-Qorti tal-Ġustizzja.

Fir-rigward tal-kaċċa illegali ta' speċi oħra ta' għasafar f'Malta, l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni tindika li f'xahrejn, minn Settembru sa Novembru 2007, tressqu 57 każ ta' persuni li nstabu li kienu qegħdin jikkaċċjaw bi ksur tal-leġiżlazzjoni. Matul il-ħidma tagħhom, l-awtoritajiet tal-infurzar ħatfu wkoll għadd ta' affarijiet illegali, li jinkludu apparat biex jiġbed l-għasafar (bird callers), gaġeġ li jintużaw bħala nases, u għasafar tat-taħrik. Il-penali marbuta mal-kaċċa illegali żdiedu, b'multi massimi ta' madwar €14,000 u sentejn ħabs.

Fir-rigward tal-insib tal-għasafar u l-programm għal miżuri tranżitorji stipulati taħt it-Trattat tal-Adeżjoni, id-dejta provduta mill-awtoritajiet Maltin tindika li fil-gżejjer hemm madwar 7,310 żoni ta' nsib reġistrati. Bħala parti mill-miri stabbiliti taħt il-Kapitolu 10(D) tal-Anness

---

<sup>1</sup> ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1-18

XI tat-Trattat tal-Adeżjoni, il-Gvern Malti fi Frar 2006 waqqaf il-Proġett tat-Trobbija tal-Għasafar tal-Għammieri. Iż-żona fejn qiegħed jitwettaq il-proġett fiha 171m<sup>2</sup>, b'29 gaġġa ta' 2.1m<sup>2</sup> kull waħda, 2 gaġġeġ akbar ta' 8m<sup>2</sup> u 6 gaġġeġ iżgħar li jintużaw fil-perjodu tat-trobbija. Għall-ewwel il-proġett beda b'erba' pari minn kull tip ta' seba' speċi ta' għasafar tal-għana, jiġifieri taż-Żebbuġ (Hawfinch), Verdun (Greenfinch), Gardell (Goldfinch), Sponsun (Chaffinch), Ekru (Eurasian siskin), Apparell (European Serin) u Ġojjin (Linnet). Bħalissa l-guva fiha 4 għasafar taż-Żebbuġ (3 irġiel u mara); 8 Sponsun, Ekru, Ġojjin u Apparell (4 irġiel u 4 nisa minn kull speċi msemmija); 16-il Verdun (7 irġiel u 9 nisa) u 7 Griedel (3 irġiel u 4 nisa). Il-Kumitat Ornis ta' Malta bħalissa qiegħed jeżamina l-kundizzjonijiet fil-guvi biex janalizza t-titjib li jista' jsir fl-infrastuttura li hemm bħalissa biex jittejjbu r-riżultati tat-trobbija.

**7. Risposta kumplimentari tal-Kummissjoni**, għall-petizzjonijiet 798/2004, 334/2005, 886/2005, 530/2006 u 1091/2007, li waslet fis-17 ta' Lulju 2008

Minbarra l-komunikazzjoni preċedenti tagħha datata 7 ta' Marzu 2008, il-Kummissjoni tinnota li, fil-kawża ta' ksur kontra Malta minħabba li ppermettiet li ssir il-kaċċa fl-istaġun tar-rebbiegħa ta' gamiem u summien fil-waqt li kisret l-Artikoli 7 u 9 tad-Direttiva dwar l-Għasafar (Id-Direttiva 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi), <sup>1</sup>), fil-31 ta' Jannar 2008 l-Kummissjoni ressqet talba lill-Qorti sabiex tieħu miżuri interim biex tipprevjeni milli ssir il-kaċċa fl-istaġun tar-rebbiegħa ta' din is-sena. Fl-24 ta' April, il-Qorti ddeċidiet li m'għandha tiġi adottata ebda leġiżlazzjoni li tippermetti li ssir il-kaċċa fl-istaġun tar-rebbiegħa tal-2008. Il-kawża ewlenija, li tikkonċerna l-prinċipju ġenerali tal-kaċċa fl-istaġun tar-rebbiegħa f'Malta fih innifsu, għadha qiegħda tiġi eżaminata mill-Qorti.

F'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali, l-għan tal-Kummissjoni huwa li tiżgura applikazzjoni konsistenti tad-Direttiva dwar l-Għasafar b'rabta mal-kaċċa illegali fl-UE kollha. Il-Kummissjoni tinnota wkoll is-sentenza tal-Qorti fil-kawża li tikkonċerna l-kaċċa fl-istaġun tar-rebbiegħa f'Liguria, l-Italja (Kawża C-503/06), datata 15 ta' Mejju 2008, li fiha l-Qorti enfasizzat mill-ġdid il-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati sabiex tkun permessa l-kaċċa fl-istaġun tar-rebbiegħa, inkluż in-nuqqas ta' soluzzjonijiet sodisfaċenti oħrajn.

Il-Kummissjoni hija konxja mid-deċiżjoni tal-awtoritajiet Ċiprijotti li tingħata deroga li tippermetti l-kaċċa ta' żewġ speċijiet (ċawlun iswed u ċawla bajda) matul sitt ijiem f'Mejju 2008. Il-Kummissjoni qiegħda tevalwa s-sitwazzjoni sabiex tiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar l-Għasafar.

**8. Risposta kumplimentari tal-Kummissjoni**, għall-petizzjonijiet 798/2004, 334/2005, 886/2005, 530/2006 u 1091/2007, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010

B'referenza għall-komunikazzjoni preċedenti tagħha tas-16 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat li fl-10 ta' Settembru 2009 l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat is-sentenza tagħha fil-kawża li kienet tirrigwarda l-kwistjoni tal-kaċċa matul ir-rebbiegħa f'Malta (Kawża C-76/08). Hija stabbiliet li l-prattika tal-kaċċa għas-summien u l-gamien matul il-passa tar-rebbiegħa bejn l-2004 u l-2007 kienet qed tikser id-Direttiva dwar l-

<sup>1</sup> ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1-18

Għasafar, <sup>1</sup>, speċifikament ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 9.

Filwaqt li stabbiliet li l-kaċċa matul ir-rebbiegħa f'Malta kisret id-Direttiva dwar l-Għasafar, il-Qorti kkonfermat li ċertu ammont ta' kaċċa tar-rebbiegħa jista' jiġi permess fuq il-bażi tal-fatt li (1) il-kaċċa tista' tkun soġġetta għal derogi u li (2) tiġi sodisfata prekondizzjoni kruċjali għad-derogi – fin-nuqqas ta' soluzzjonijiet alternattivi – minħabba li, fiċ-ċirkostanzi speċifiċi li japplikaw għal Malta, l-għasafar mhumiex disponibbli b'mod suffiċjenti għall-kaċċa matul il-ħarifa.

Is-sentenza stabbiliet li Malta naqset milli tikkonforma mal-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva, interpretat fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Madankollu, għandu jiġi nnutat li s-sentenza ma eskludietx il-possibilità futura li jinfetaħ staġun tal-kaċċa matul ir-rebbiegħa f'Malta li jkun illimitat u strettament issorveljat.

Il-Kummissjoni tista' tikkonferma li kien hemm diskussjonijiet mal-Gvern Malti dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti fir-rigward tad-deroga proposta dwar il-kaċċa matul ir-rebbiegħa fl-2010. Fid-9 ta' April 2010, il-Gvern Malti adotta leġislazzjoni li tippermetti l-kaċċa matul ir-rebbiegħa għal madwar 7,500 għasfur f'Malta għal ġimgħa waħda fl-aħħar ta' April 2010. Il-leġislazzjoni timponi ammont ta' restrizzjonijiet li jirrigwardaw il-kaċċa matul ir-rebbiegħa u tipprovdi miżuri ddettaljati għall-kontrolli tal-kaċċa matul ir-rebbiegħa.

Il-Kummissjoni tqis li, bi prinċipju, il-leġislazzjoni l-ġdida li tippermetti l-kaċċa matul ir-rebbiegħa fl-2010 tidher li tikkonforma mar-rekwiżiti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġu infurzati b'mod effikaċi l-kundizzjonijiet kollha stipolati fil-leġislazzjoni l-ġdida (id-dewmien tal-istaġun tal-kaċċa, l-ammont ta' liċenzji tal-kaċċa u l-ammont ta' għasafar li għandhom jiġu kkaċċjati). Il-Kummissjoni se tissorvelja l-perjodu tal-kaċċa matul ir-rebbiegħa fl-2010 sabiex tevalwa jekk il-kundizzjonijiet għad-deroga humiex qed jiġu rrispettati jew le.

Il-Kummissjoni għarfet ukoll li l-Gvern Malti adotta leġislazzjoni ta' qafas bl-għan li l-kaċċa matul ir-rebbiegħa tkun permessa fis-snin futuri u din il-leġislazzjoni tistabbilixxi ċifra oġġla ta' għasafar (madwar 25,000) u tipprovdi staġun tal-kaċċa ta' tliet ġimgħat. Attwalment, il-Kummissjoni qed tqis din il-leġislazzjoni ta' qafas fir-rigward tal-konformità tagħha mad-dispożizzjonijiet tas-sentenza sabiex, jekk ikun hemm bżonn, tiegħu passi addizzjonali fil-futur.

Fir-rigward tal-kaċċa matul ir-rebbiegħa għall-għasafar f'Ċipru fl-2007, l-awtoritajiet Ċiprijotti stinkaw biex ma jippermettux il-kaċċa tal-gamien fis-snin futuri. Dan l-impenn reġa' ġie kkonfermat minn Ċipru fl-2008. Fir-rigward tad-deroga li tippermetti l-kaċċa matul ir-rebbiegħa għaċ-ċawlun, il-Kummissjoni tqis li din ġiet mogħtija skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-Għasafar biex ma jkunx hemm ħsara serja lill-agrikoltura.

**9. Risposta kumplimentari tal-Kummissjoni**, għall-petizzjonijiet 798/2004, 334/2005, 886/2005, 530/2006 u 1091/2007, li waslet fid-9 ta' Diċembru 2010

---

<sup>1</sup> Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (kodifikazzjoni) (*ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25*)



Fis-sentenza tagħha tal-kawża dwar il-kwistjoni tal-kaċċa matul ir-rebbiegħa f'Malta tal-10 ta' Settembru 2009 (Kawża C-76/08), il-Qorti qieset li l-kaċċa ta' summien u gamiem matul l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa ma tistax titqies li tikkostitwixxi soluzzjoni sodisfaċenti fil-każ speċifiku ta' Malta. Għaldaqstant, is-sentenza ma teskludix il-possibilità li f'Malta jinfetaħ staġun tal-kaċċa matul ir-rebbiegħa li jkun limitat u strettament sorveljat. Madankollu, il-Qorti qieset ukoll li l-prinċipju tal-proporzjonalità u r-rekwiżiti l-oħra stipolati fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar l-Għasafar <sup>1</sup> għandhom jiġu sodisfati meta wieħed jirrikorri għal deroga skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva. F'dan il-każ, il-Qorti sabet li Malta naqset milli tissodisfa l-prinċipju tal-proporzjonalità meta ppermettiet il-kaċċa matul ir-rebbiegħa fil-perjodu 2004-2007.

Analiżi dettaljata tal-liġi qafas ta' Malta (L.N.221 tal-2010), li tippermetti l-kaċċa matul ir-rebbiegħa fil-futur ta' mhux iktar minn 25,000 għasfur (12,000 summiena u 13,000 gamiema), bi staġun tal-kaċċa ta' tliet ġimgħat, liema leġiżlazzjoni ġiet adottata mill-Gvern Malti f'April 2010, wasslet lill-Kummissjoni biex tikkonkludi li l-leġiżlazzjoni ta' Malta dwar il-kaċċa matul ir-rebbiegħa għas-snin li ġejjin ma tikkonformax mas-sentenza tal-Qorti għax ma tindirizzax kif xieraq il-prinċipju tal-proporzjonalità.

Għaldaqstant, fit-28 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħat lil Malta ittra ta' intimazzjoni f'konformità mal-proċedura stipolata fl-Artikolu 260 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni stiednet lill-Gvern Malti jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-kwistjoni fi żmien xahrejn minn meta jirċievi din l-ittra. Wara li tkun eżaminat dawn l-osservazzjonijiet, jew jekk ma jiġu sottomessi ebda osservazzjonijiet fil-limitu ta' żmien stabbilit, il-Kummissjoni tista' terġa' tirreferi l-każ lill-Qorti tal-Ġustizzja u titlob penali finanzjarji.

**10. Risposta kumplimentari tal-Kummissjoni, għall-petizzjonijiet 798/2004, 334/2005, 886/2005, 530/2006, 1091/2007 u 1374/2010, li waslet fl-10 ta' Ġunju 2010**

Kif ġie ddikjarat fil-komunikazzjoni preċedenti tal-Kummissjoni b'rabta ma' din il-petizzjoni, fit-28 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħat ittra ta' avviż formali lil Malta, f'konformità mal-Artikolu 260 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fil-liġi qafas ta' Malta (L.N. 221 tal-2010), li ġiet adottata f'April 2010, li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-parametri għal deroga dwar il-ftuħ tal-kaċċa bir-restrizzjonijiet matul ir-rebbiegħa f'Malta fil-futur.

Wara li rċeviet it-tweġiba ta' Malta għall-ittra ta' avviż formali msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni segwiet il-każ b'serje ta' diskussjonijiet bilaterali mal-awtoritajiet Maltin bl-għan li ssolvi n-nuqqasijiet identifikati minnha. B'riżultat ta' dan, Malta għamlet diversi emendi fil-liġi qafas.

Il-Kummissjoni tilqa' dawn l-emendi leġislattivi u tqis li l-liġi qafas kif emendata tidher li tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti datata l-10 ta' Settembru 2009 u mal-kundizzjonijiet stretti stabbiliti fid-Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar.

---

<sup>1</sup> Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (kodifikazzjoni) (*ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7-25*)

Madankollu, il-fatt li l-Kummissjoni tilqa' l-emendi leġiżlattivi msemmin hawn fuq, m'għandux jiġi interpretat li l-Kummissjoni laħqet qbil mal-Gvern Malti dwar l-applikazzjoni ta' xi deroga dwar il-kaċċa fir-rebbiegħa fil-futur. Xorta waħda tibqa' r-responsabilità tal-Gvern Malti, qabel jiftaħ kwalunkwe staġun, li jiddetermina jekk ikunux intlaħqu l-kundizzjonijiet restrittivi kollha tad-deroga dwar il-ftuħ tal-kaċċa fir-rebbiegħa. F'dan il-kuntest, għandu jiġi mfakkar ukoll li tibqa' r-responsabilità tal-Istat Membru li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura l-konformità mal-liġi tal-UE f'kull ħin, u għalhekk hija r-responsabilità primarja tal-Gvern Malti li jiżgura li kull deroga partikolari dwar il-kaċċa fir-rebbiegħa tiġi applikata b'konformità sħiħa mal-kriterji stretti stabbiliti fid-Direttiva dwar l-Għasafar.

### Konklużjonijiet

Il-Kummissjoni ħadet nota tad-deċiżjoni ta' Malta li tiftaħ staġun limitat tal-kaċċa fir-rebbiegħa fl-2011 b'konformità mal-liġi qafas kif emendata. Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi jekk Malta tkunx ħadet il-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura l-konformità mal-liġi tal-UE, u enfasizzat l-importanza tas-sorveljanza u s-superviżjoni b'mod strett biex tiżgura li l-limiti ta' kwalunkwe deroga jiġu rispettati.